# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' April 2002**

**Avviz. numru 729/01**

**Numru 36**

**Auto Sales Ltd**

**vs**

**Malta Saudi Arabia Petrolube Co. Ltd.**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tal-ammont ta' Lm4770 (erba telef seba mija u sebghin liri Maltin) rappresentanti l-ammont dovut skond kambjalijiet ffirmati u skaduti.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Marzu 2001 u mandat ta' qbid u mandat ta' sekwestru ppresentanti mal-avviz u bl-imghax legali sal-pagament effettiv.

Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-atti minn fol 2 sa fol 17.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fl-20 ta' Marzu 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4770.00,0 bl-imghax legali mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala esebita mal-atti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Marzu 2001 u tal-mandati kawtelatorju ta' qbid u ta' sekwestru tal-10 ta' Awissu 2001.

Alan Calleja
Deputat Registratur